MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2009

Avviz Numru. 21/2009

**Simon Petroni and Noel Petroni bhala diretturi tal-kumpanija Petroni Centre Limited**
**Vs**
**Kummissarju tat-Taxxi Interni**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors ippresentat mir-rikorrenti Simon u Noel Petroni ghan-nom tal-kumpanija Petroni Centre Limited nhar il-wiehed u tletin (31) ta' Dicembru 2008 fejn esponew is-segwenti:-

*1. "Illi Noel Petroni gie notifikat b'zewg ittri ufficcjali identici datat sbatax (17) ta' Dicembru 2008 (5953/08 u 5954/08) mibghuta mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni lil Petroni Centre Ltd li permezz taghhom il-Kummissarju tat-Taxxi Interni talab li jithallas is-somma ta' tmint elef erbgha mija u erbatax il-euro (Euro 8,414) fi hlas lura ta' taxxa fuq id-dhul jew taxxa provizorja ghas-snin ta' stima 1999, 2000, 2001, 2002, 2003, 2004, 2005, 2006 u 2007*

*oltre taxxa addizzjonali skond avviz mehmuz animo ritirandi mmmarkat bhala Dok. A.*

*2. Illi huwa gie imwissi li jekk kien ser jonqos milli jhallas tali ammont il-Kummissarju tat-Taxxi Interni kien sejjer jipprocedi ghall-esekuzzjoni tat-titolu esekuttiv ottenut ai termini tal-artikolu 40 tal-Kapitolu 372 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*3. Illi tali procedura t'Ittra Ufficcjali bl-Avviz anness hija nulla u bla effett stante li ma tissodisfax il-vot tal-Kapitolu 372 tal-Ligijiet ta' Malta partikolarment ghaliex l-avviz ma gie qatt mibghut lill-esponenti kif tesigi il-ligi.*

*4. Illi bla pregudizzju ghal kwalunkwe eccezzjoni ohra, l-ammont mitlub mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni huwa in parte mhux dovut stante li preskritt ai termini tal-artikolu 47 tal-Kapitolu 372 tal-Ligijiet ta' Malta fil-mod kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors.*

*5. Illi fi kwalunkwe kaz l-ammont mitlub mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni mhux dovut in kwantu t-talba tieghu hija infondata. Illi kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors, kien hemm snin ta' stimi li l-assessment dwarhom qatt ma gew mgharrfa lill-esponenti."*

*Konsegwentement talab ghal ragunijiet premessi u ghal dawk li ser jingiebu waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors, li din l-Onorabbli Qorti tiddikjara li t-talba tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni kontenuta fl-Ittra Ufficcjali tieghu tas-sbatax (17) ta' Dicembru 2008 kontra Petroni Centre Limited ghal-hlas tas-somma komplessiva ta' tmint elef erbgha mija u erbatax il-euro (EUR8,414) hija nulla, mhux prosegeibbli preskritta w infondata ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.*

*Bl-ispejjez kontra l-Kummissarju tat-taxxi Interni."*

Rat id-digriet taghha tat-tnejn (2) ta' Jannar 2009 fejn din il-Qorti ordnat in-notifika tar-rikors lil kontroparti b'erbat ijiem zmien ghar-risposta.

Rat ir-risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni pprezentata nhar t-tmintax (18) ta' Jannar 2009 (fol. 11) fejn espona is-segwenti:-

*1. "Illi fl-ewwel lok w in linea preliminari s-socjeta rikorrenti trid ghallinqas tindika a bazi ta' liema ligi qieghda tintavola dan ir-rikors odjern specjalment in vista tal-fatt li la l-artikolu 466 u lanqas l-artikolu 281 tal-Kap 12 ma huma applikabbli peress li l-Ittra Ufficcjali in materja la kienet Ittra Ufficcjali mahruga skond l-artikolu 466 tal-Kap 12 u lanqas ma kienet tikkostitwixxi mandat fit-termini tal-artikolu 273 tal-Kap 12.*

*2. Illi fit-tieni lok u dejjem in linea preliminary, l-azzjoni odjerna hija wkoll nulla w irrita 'n kwantu ai termini tal-artikolu 460(1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta "ebda att gudizzjarju li bih jinbdew xi procediment ma jista jigi pprezentat, w ebda procedimenti ma jistghu jittiehdu jew jinbdew, w ebda mandat ma jista jigi mitlub kontra l-Gvern… hlief wara li jghaddu ghaxart ijiem minn notifika kontra l-Gvern jew dik l-Awtorita jew persuna kif intqal qabel, t'Ittra Ufficcjali jew ta' protest li fih il-pretensjoni jew t-talba tigi imfissra b'mod car.*

*3. Illi l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tas-socjeta rikorrenti huma kollha nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti li qed jigu elenkati minghajr pregudizzju ghal xulxin:-*

*a. Illi mhux minnu li l-avviz anness ma l-Ittra Ufficcjali 'n kwistjoni qatt m'intbaghat lis-socjeta Petroni Centre Limited. Fil-fatt, minn verifiki li saru fi hdan id-dipartiment jidher illi l-avviz kien intbaghat lis-socjeta rikorrenti fit-tlettax (13) ta' Novembru 2008. Jirrizulta wkoll illi dan l-Avviz ma giex ritornat lid-dipartiment mar-returned mail w allura jsegwi li s-socjeta rikorrenti giet debitament notifikata b'dan l-avviz. Jigi rilevat li l-azzjoni ghal gbir isegwi fedelment ir-rekwiziti tal-artikolu li jinsabu fit-taqsima VI tal-Kap 372 tal-Ligijiet ta' Malta u l-allegata nullita vvantata mis-socjeta rikorrenti, hija bir-rispett kollu nfondata u di seguito insostenibbli.*

*b. Illi l-azzjoni tal-esponent ghal gbir ta' taxxa dovuta lilu, mhiex prekritta kif qed jallega r-rikorrent ghall-ewwel*

*darba fir-rikors promotur u l-ammont reklamat mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni huwa dovut fl-intier tieghu.*
*Illi dwar il-gbir tat-taxxa dovuta l-artikolu 47(2) tal-Kap 372 jipprovdi li "..l-azzjoni ghal hlas ta' taxxa, taxxa addizzjonali, imghax jew xi penali, tista tinbeda f'kull zmien mid-data minn meta jsiru dovuti w ghandhom jithallsu sa tmien snin minn dik id-data jew, meta tkun saret stima ghar-rigward taghhom, mid-data meta dik l-istima ssir finali u konklussiva."*
*Illi huwa car u manifest illi ma ghadewx tmien snin mid-data minnmindu l-pendenzi fiskali tar-rikorrenti ghas-snin ta' stima 1999, 2000, 2001, 2002, 2003, 2004, 2005, 2006 u 2007 saru dovuti sad-data meta nbdiet l-azzjoni ghall-hlas ta' taxxa, taxxa adizzjonali, imghax u penali ai termini tal-Att dwar it-taxxi, jsegwi allura li l-azzjoni ghal gbir ai termini tat-Taqsima VII tal-Kap 372, hija bla dubju entro terminu u zgur mhux preskritta ai termini ta' l-artikolu 47(2) tal-Kap 372.*
*Illi 'n oltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jigi rilevat li ghas-snin ta' stima 1999, 2000, 2001, 2002, 2003, 2004 u 2005 is-socjeta rikorrenti baghtet il-formoli tas-self assessment tard. Ghaldaqstant il-perjodu prekrittiv ghall-hlas ta' taxxa, taxxa addizjonali, imghax u penali gie interrot u beda jiddekorri mill-gdid fid-dsatax (19) t'April 2000 ghas-sena ta' stima 1999, fil-hamsa (5) ta' Jannar 2006 ghas-sena ta' stima 2000, 2001 u 2002 u fis-sebgha (7) ta' Jannar 2006 ghas-snin ta' stima 2003, 2004 u 2005.*
*c. Illi dwar l-ilment tas-socjeta rikorrenti, fis-sens li l-ammont mitlub mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni hux dovut, l-esponent jirrileva li l-procedura odjerna quddiem din l-Onorabbli Qorti mhiex il-procedura idonea sabiex is-socjeta rikorrenti tressaq oggezzjoni ghas-somma 'n kwistjoni mitluba mill-esponent u bir-rispett kollu, din l-Onorabbli QOrti lanqas hija vestita bil-kompetenza li tissindika l-quantum ta' taxxa dovuta mis-socjeta rikorrenti.*

*Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont pretiz in vista tat-titolu esekuttiv ottenut minnu ai termini tal-Att dwar it-Taxxa huwa korrett u dovut fl-intier teghu. Jigi enfasizzat li l-Kummissarju tat-Taxxi Interni mexa fil-*

*parametri tal-ligi fid-determinazzjoni tal-ammont dovut mis-socjeta rikorrenti ghs-snin in kwistjoni u taxxa addizzjonali u l-interessi dovuti jirrizultaw biss minhabba nuqqasijiet u traskuragni tas-socjeta rikorrenti li tibghat il-formoli tat-taxxa u thallas dak dovut minnha entro termine.*

*Illi dwar is-snin ta' stima 1999, 2000, 2001, 2002, 2003, 2004, 2005, jirrizulta li l-istimi mahruga mid-Dipartiment tat-Taxxi Interni huma bbazati fuq is-self assessments mibghuta (tard) mis-socjeta rikorrenti stess lid-Dipartiment. Jemergi allura li l-ammonti f'taxxa, m'huma xejn ghajr ammonti li s-socjeta rikorrenti stess iddikjarat li kienu dovuti lil Kummissarju tat-Taxxi Interni. Rigward it-taxxa addizzjonali u interessi reklamati mill-Kummissarju, jerga jinghad li dawn jirrizultaw biss minhabba nuqqasijiet u traskuragni tas-socjeta rikorrenti li tibghat l-formoli tat-Taxxa u thallas dak dovut minnha entro termine.*

*Illi dwar is-snin ta' stima 2006 u 2007 jirrizulta li s-socjeta rikorrenti naqset milli tibghat l-formoli ta' self assessment w ghalhekk l-esponent Kummissarju pproceda ai termini tal-Artikolu 30 tal-Kap 372 sabiex jiddetermina l-ammont ta' taxxa dovut mis-socjeta rikorrenti ghal dawk is-snin ta' stima u debitament notifikat lis-socjeta rikorrenti b'dawn l-istejjem.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri."*

Konsegwentement talab li it-talbiet rikorrenti jigu kollha michuda bl-ispejjez kontra taghhom.
Rat id-digriet taghha tal-erbatax (14) ta' Jannar 2009 fejn appuntat ir-rikors ghas-smiegh ghal nhar l-hamsa (5) ta' Marzu 2009.

Rat illi fis-seduta tal-hamsa (5) ta' Marzu 2009, r-rikorrenti ma kienux gew notifikati u ma dehrux ghas-seduta.

Rat illi sussegwentement fl-udjenzi ta' wara r-rikorrenti naqas li jidher u lanqas ma deher ir-rapprezentat legali tieghu.

Rat illi fis-seduta tas-sittax (16) ta’ Settembru 2009 kienet dehret Dottor Sarah Vassallo li rrimettiet ruhha ghall-provi processwali u talbet li din il-kawza tithallas ghas-sentenza fuq l-ewwel zewg eccezjonijiet sollevati minnha.

Ikunsidrat:-

Illi l-Kummissarju tat-Taxxi Interni b’Ittra Ufficcjali tas-sbatax (17) ta’ Dicembru 2008 kien sejjah lir-rikorrenti sabiex ihallsu is-somma hemm indikata fl-ammont ta’ €8,414 bhala taxxa jew taxxa provizorja fuq id-dhul u taxxa addizzjonali ghas-snin 1999 sas-sena 2005 u wissieh illi, jekk ma jhallasx, kien imexxi kontra tieghu bil-hrug ta’ Mandati Ezkeuttivi taħt l-artikolu 40 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa (Kap. 372).

Jirrizulta b’rikors tal-wiehed u tletin (31) ta’ Dicembru 2008 li r-rikorrenti, wara li qal li parti minn dan l-ammont reklamat huwa preskritt, talab lil Qorti tghid illi dak li qieghed jitlob l-intimat fl-Ittra Ufficcjali tieghu fuq imsemmija, ma huwiex dovut.

L-intimat wiegeb inter alia li r-rikors ma jiswiex ghax ma hux mibni fuq ebda disposizjoni tal-ligi. Jekk huwa kontra t-talba tal-intimat, tghid illi dak li qieghed jitlob l-intimat fl-Ittra Ufficcjali tas-sbatax (17) ta’ Dicembru 2008 ma huwiex dovut.

L-intimat wiegeb in poche parole inter alia li r-rikors ma jiswiex ghax l-Ittra Ufficcjali tas-sbatax (17) ta’ Dicembru 2008 ma saritx taħt l-artikolu 466 tal-Kap 12 biex jinkiseb titolu ezekuttiv, izda taħt l-artikolu 40 tal-Kap 372, billi l-intimat ma kellux titolu ezekuttiv taħt dik id-disposizjoni tal-ligi u ma kienx mehtieg li jimxi kif ighid l-artikolu 466 biex jikseb dan it-titolu.
Dan il-provediment ta’ llum huwa fl-ewwel lok dwar din l-eccezzjoni u sussegwentement jekk ikun il-kaz, fuq l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

L-Ittra Ufficcjali tas-sbatax (17) ta’ Dicembru 2008 saret sabiex l-intimat jikseb il-hrug ta’ Mandat Ezekuttiv taht l-artikolu 40 tal-Kap 372 biex jigbor it-taxxa minghand ir-

rikorrent. Dak l-artikolu wara li jghid li xi stimi w avvizi mahruga taht l-istess Kap 372 jitqiesu ezekuttivi, jkompli jghid kif ghandu jimxi l-intimat ghall-esekuzzjoni ta' dawk it-titoli.

Id-disposizzjonijiet rilevanti jipprovdu li jekk, wara li l-Kummissarju tat-Taxxi Interni jkun baghat avviz ghall-hlas tat-taxxa, dak li lilu jintbaghat l-avviz, ma jhallasx fi zmien hmistax, il-Kummissarju jista jteni t-talba ghall-hlas b'att gudizzjarju, u wara jumejn minn notifika ta' dak l-att, ikun jista jikseb il-hrug ta' Mandati Ezekuttivi.

Din hija procedura differenti minn dik taħt l-artikolu 466 tal-Kap 12.

Dak l-artikolu jghid li meta Kap ta' Dipartiment tal-Gvern ikollu jiehu minghand xi hadd, il-Kap ta' dak id-dipartiment jista jaghmel dikjarazzjoni mahlufa li fiha jghid x'inhu d-dejn, jinnotifika dik id-dikjarazzjoni b'att gudizzjarju lil min ikollu jaghti, u jekk dan ma jikkontestax t-talba b'rikors fi zmien ghoxrin jum minn notifika, id-dikjarazzjoni titqies daqs li kieku gudikat, jigifieri ghandu jigi kunsidrat daqs li kieku hu titolu ezekuttiv.

Ghalhekk fil-kaz ta' llum, l-intimat kellu titolu ezekuttiv qabel in-notifika tal-att gudizzjajru – din in-notifika hija mehtiega biss ghall-esekuzzjoni tat-titolu – waqt illi bil-procedura taħt l-artikolu 466 tal-Kap 12, it-titolu jinkiseb biss jekk ma ssirx kontestazzjoni fiz-zmien li taghti l-ligi jew jekk il-kontestazzjoni ma tirnexxix.

Dan ma jfissirx li ma hemmx rimedju ghal min ma jaqbilx ma stima mahruga mill-intimat, ifisser biss li r-rimedju ma hux dak maghzul u mitlub mir-rikorrent. Appell kontra l-istimi w avvizi mahruga mill-intimat, isiru taħt id-disposizjonijiet tat-Taqsima VI tal-Kap 372. Jista jsir appell quddiem Bord tal-Kummissarji Specjali taħt l-artikolu 34, u minn decisjoni ta' dak il-Bord jista jsir appell fuq punt ta' ligi biss quddiem il-Qorti tal-Appell fil-kompetnenza Inferjuri jew Superjuri, skond il-quantum tal-kontestazzjoni.

**Billi ghalhekk il-ligi ma taghtix ir-rimedju li qieghed jitlob ir-rikorrent, l-eccezzjoni tal-intimat hija tajba.**

**Tiddikjara ghalhekk in segwitu li qieghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet l-ohra.**

**Ghal dan ir-raguni l-Qorti tehles lill-intimat mill-harsien tal-gudizzju bl-ispejjez kontra ir-rikorrent.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------